SKOLA THERESA NUZZO

# EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2020-2021

## Is-Sitt Sena

MALTI – TAĦRIĠ MILL-QARI　　　　Ħin: 50 minuta

Isem:_____________________________________________

Klassi: _________________________

Nru tar-Reġistru: ____________

| Marka Totali |
|---|
| ____ |
| 30 |

IS-SITT SENA - MALTI – TAĦRIĠ MILL-QARI (1)

**Maċ-Ċaqliq taċ-Combini**

1.Jingħad li s-sengħa tal-bizzilla ġiet introdotta f'Malta fi żmien il-Kavallieri. F'dak iż-żmien il-bizzilla kienet meqjusa bħala xi ħaġa

2.Il-bizzilla kienu jilbsuha kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa nobbli. Kienu jkunu kollha b'kompetizzjoni bejniethom dwar kif se jperċu bizzilla fuq ħwejjiġhom sabiex juru kemm jesgħu bwiethom.





3. Illum is-sinifikat tal-bizzilla nbidel ħafna u daqstant ieħor il-moda tagħha.  M'għadekx tara rġiel u nisa jilbsu l-bizzilla. Ħafna minnha ngħoddu l-bizzilla bħala xi ħaġa ta' dari.

4. In-nisa li jaħdmu l-bizzilla fuq it-trajbu, llum inqisuhom bħala rapprezentazzjoni ta' sengħa tradizzjonali.



5. Il-bizzilla tinħadem fuq trajbu. It-trajbu jinżamm mindud.  B'hekk jippermetti persuna taħdem il-bizzilla billi toqgħod bilqiegħda. Fuqu jitqiegħed disinn permezz tal-labar.

6. Madwar il-labar jitqiegħdu ċ-ċombini. Ix-xena ta' mara bilqiegħda aljenata moħħha fuq trajbu tqanqal il-kurżità ta' min ikun għaddej. Iċ-ċekċik ħelu fiċ-ċombini ċlikk ċlikk ċlikk.



**A. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba, skont l-informazzjoni mogħtija. L-ewwel waħda hija lesta.** (3 marki)

1. Il-bizzilla ilha f'Malta minn żmien **<u>il-kavallieri</u>** .
2. Għan-nies ta' dak iż-żmien, il-bizzilla, kienet tintlibes min-nisa u rġiel ____________.
3. Illum il-ġurnata m'għadhiex daqshekk _________ anzi __________ ferm.

**B. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba, skont dak li qrajt.**

**L-ewwel waħda hija lesta.** (3 marki)

1. Il-bizzilla tinħadem fuq (il-mejda, **<u>it-trajbu</u>**, is-siġġu).
2. It-trajbu jinżamm (mimdud, wieqaf , immejjel).
3. Fuq it-trajbu jitwaħħal ( disinn tad-drapp, disinn tal-karti, disinn tal-injam).
4. Madwar id-disinn ipoġġu (ċ-combini, il-bizzilla, il-labar).

**Ċ. Għaqqad Kolonna A ma' Kolonna B billi tkompli n-numri 2 sa 5 fil-kaxxi l-vojta, skont dak li qrajt fis-silta. L-ewwel waħda hija lesta.**

(4 marki)

| Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|
| 1. Is-sengħa tal-bizzilla kienet popolari | | l-aqwa bizzilla biex juru kemm huma sinjuri. |
| 2. Il-bizzilla fi żmien li kienet moda | | sengħa tradizzjonali. |
| 3. In-nisa nobbli kienu jilbsu | | iqanqal il-kurżità ta' dak li jkun. |
| 4. Ix-xogħol tal-bizzilla illum inqisuh | **1.** | fi żmien il-kavallieri. |
| 5. Iċ-ċekċik taċ-ċombini | | kienet għalja ħafna. |

## Il-barbaġann



Meta Karamellu kien għadu tifel, f'Malta kienu għadhom ma waslux il-fannijiet li jaħdmu bl-elettriku. Biex inaqqsu l-effett tas-sħana jew tal-għomma, l-irġiel kienu jrewwħu bil-palju u n-nisa bl-imrewħa. (par1)
Darba, f'lejl sajfi bid-dawl ta' qamar kwinta, Karamellu kien għand in-Nanna Ċensa. Bil-lejl stenbaħ u ma setax jerġa' jorqod. Huwa niżel mis-sodda u beda miexi lejn l-intrata tad-dar ta' nannietu. Hemmhekk, kien hemm ftit dawl ta' qamar. Huwa nduna li dan id-dawl kien dieħel mill-bieb tal-bejt, li n-nannu kien iħallieh miftuħ ukoll. (par2)
Karamellu tħajjar jitla' sa fuq il-bejt. Hekk għamel. Fuq il-għatba tal-bieb tal-bejt, ħass ftit frisk mhux ħażin. Daħallu f'rasu li joqgħod ftit hemm, qabel jerġa' lura fis-sodda. Wara ftit, fuq il-parti taċ-ċint tal-bejt li kienet tħares għal ġo ġnien li kien hemm biswit id-dar tan-Nannu Ċensu, Karamellu ra xi ħaġa bajda tiċċaqlaq. Beda jipprova jara x'kienet, imma ma setax jifhem x'kien dak li kien qed jara. Imbagħad, dik il-ħaġa bajda saret sewda. Meta ra hekk, Karamellu **ħass dehxa ġewwa fih**. Beda jibża'. Qam b'ħeffa minn fejn kien biex ifittex jinżel 'l isfel. Kif dar, però, laqat ma' xi ħaġa u din inqalbet. Iktar beda jibża'. (Par3)
Il-passi mgħaġġlin tiegħu huwa u nieżel it-taraġ qajmu lin-Nanna Ċensa, li kienet pronta xegħlet bozza. In-nanna ratu u staqsietu xi ġralu. Karamellu mar ħdejha. Hija qaltlu biex jersaq iktar qribha, ħalli tarah aħjar. Malli ratu sew, qalet: "Santa santina; għandek wiċċek isfar mewt! Xi ħlomt? Ħlomt xi ħolma kerha, jaqaw?"
Karamellu kkonfonda x'se jgħidilha. Beża' jgħidilha li kien tela' waħdu fuq il-bejt, bil-lejl. Fl-istess ħin, ma riedx jigdeb. Għalhekk, ma tkellimx. (Par 4)
Sadattant, in-Nannu Ċensu qam ukoll. Huwa staqsa lin-nanna x'kienet qed tagħmel. "Karamellu ħolom xi ħolma kerha," qaltlu.

In-nannu staqsa lil Karamellu x'kien ħolom. Imma Karamellu baqa' fommu magħluq. In-nannu qallu: "Ħlomt xi ħlomt, il-ħolm jibqa' ħolm. Issa insa kollox u erġa' mur orqod, ħalli aħna nkunu nistgħu nkomplu norqdu wkoll." (par 5)
In-Nanna Ċensa mexxiet lil Karamellu lejn is-sodda fejn kien rieqed. Qaltlu biex joqgħod bilqiegħda f'tarf is-sodda sakemm hija tmur iġġiblu ftit ilma ħalli jixrob qabel jerġa' jorqod. Malli xorob, Karamellu daħal fis-sodda u wara ftit, għalkemm f'moħħu kien għad għandu dik ix-xi ħaġa li filli kienet bajda u filli saret sewda, raqad u baqa' rieqed sa filgħodu. (par 6)

**A. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kemm qrajt.**

1. Il-ġrajja li nsibu fil-bidu turina
   a) rakkont fit-tfulija ta' Karamellu.
   b) kemm Karmellu kien iħoss sħana.
   ċ) n-nies kienu jużaw il-fannijiet.

2. F'din il-ġrajja, Karamellu jinsab għand
   a) in-Nanna Ċensa.
   b) in-Nannu Ċensu.
   ċ) in-nanniet.

3. Għaliex Karamellu tela' fuq il-bejt?

   ________________________________________

4. X'ra Karamellu fuq il-bejt?

   ________________________________________

5. Għaliex telaq jiġri?

   ________________________________________

6. L-awtur meta rrakkonta li Karamellu ħass dehxa ġewwa fih li ried ifisser (li kien qed jingħarax, li beża' , li weġġa' ).

7. Aqleb il-verb ta' din il-frażi fin-**negattiv** : 'din inqalbet'

_______________________________________________

8. Agħti l-plural ta' **'ċint'**

_______________________________________________

*(marka kull waħda = 8 marki)*

*It-Tieni Parti*

Meta stenbaħ, Karamellu xamm riħa tfuħ ta' ħobż qed jinxtewha u ta' kafè. Huwa mar fil-kċina, fejn nannietu kienu qed jieħdu ftit ħobż mixwi u skutella kafè bla ħalib. Malli ratu, in-nanna ħaditlu quddiemu tazza ħalib. Hija staqsietu jekk riedx ukoll li tgħallilu xi bajda. Karamellu qalilha 'iva'. Wara ftit tas-skiet, in-nannu qal lil Karamellu: "Xi ġralek dal-lejl? Ħlomt? Jew ġralek xi ħaġa oħra? Jaqaw tlajt fuq il-bejt?" (par 7)

Karamellu rrakkontalu l-istorja u n-nannu qallu: "Milli qed tgħidli, naħseb li kien xi barbaġann, li hu speċi ta' kokka. Il-barbaġann huwa bajdani, imma meta jagħlaq ġwenħajh, isir qisu ħaġa sewda. Jgħidu li l-kelma 'babaw' ġejja minnu. Meta l-kbar, biex ibeżżgħu lit-tfal żgħar, jgħidulhom, *'ara ġej il-babaw għalik'*, ikollhom f'moħħhom il-barbaġann sewdieni." (par.8)

"Bħall-maġġoranza tal-kokki, il-barbaġann jittajjar bil-lejl jew filgħodu kmieni, f'viżibilità baxxa. Jara u jisma' tajjeb ħafna. Il-bdiewa jħobbuh, għax jaqbad il-ġrieden. Fl-imgħoddi, il-barbaġann kien ibejjed ħafna f'Malta. L-aktar li kien ibejjed kien fl-irdumijiet u f'binjiet imwaqqgħin, bħal imħażen tal-irziezet. (par.9)



"Bl-Ingliż, il-barbaġann huwa magħruf bħala *barn owl*, proprju għax iħobb ibejjed f'xi post bħal maħżen jew maqjel. Iżda l-

barbaġann selvaġġ qed inaqqas ħafna milli jbejjed f'Malta. Ftit li xejn għadu jidher. Mank kont miegħek u rajtu jien ukoll, daqskemm jogħġobni!"

"Barbaġann u mhux barbaġann, Karamellu ħa qatgħa kbira b'dak li ra. Meta ġie ħdejja kellu wiċċu isfar daqs il-qarsa tax-xema'," qalet in-Nanna Ċensa.

Karamellu qatt ma kien semagħha qabel l-espressjoni, "isfar daqs il-qarsa tax-xema'". Huwa staqsa lin-nanna xi tfisser din il-ħaġa. In-nanna qaltlu li l-kelma proprja hija 'qars', li għandu x'jaqsam max-xehda tan-naħal. Hija talbet lin-nannu jkompli jispjegalu hu.(par.10)

In-nannu qallu li l-qars ikun qisu diska, jew oġġett tond u ċatt. Huwa kompla jgħidlu: "Sa ftit żmien ilu, in-naħal kienu jrabbuh ġo qolla tonda, mhux f'kaxxi tal-injam b'tilar kwadru kif bdew jagħmlu llum. Ix-xehda tiegħu, in-naħal kien jibniha mal-ħajt tond, biex ngħidulu hekk, tal-qolla. Sid in-naħal, meta jasal il-waqt, kien jiftaħ il-qolla b'sikkina kbira msejħa 'tal-għasel' u jaqta' x-xehda minn magħmula mix-xema', kienet toħroġ mill-qolla f'għamla ta' qarsa ta' lewn isfar. Għalhekk in-nanna qaltlek li kont isfar daqs il-qarsa tax-xema."

Karamellu rrakkonta lill-mamà x'ġara fil-lejl ta' qabel, kif ukoll filgħodu meta kellmuh in-Nannu Ċensu u n-Nanna Ċensa.(par.11)

"Jien bżajt meta rajtu, mamà," qalilha Karamellu. "Kieku kont miegħek, meta u kif rajtu, naħseb li kont nibża' jien ukoll," qaltlu l-mamà.

**Miktuba** minn *Karamellu tar-Raħal t'Isfel post*

**B. Aħdem dawn li ġejjin skont is-silta.**

1. Għaliex in-Nannu Ċens staqsa lil Karamellu x'kien ġralu matul il-lejl?

_______________________________________________

2. X'kien qed jaħseb in-Nannu Ċens meta Karamellu rrakkontalu l-istorja?

_______________________________________________

3. X'inhuwa barbaġann?

_______________________________________________

4. Fejn ibejjed il-barbaġann?

_______________________________________________

5. Agħti l-**għerq** tal-kelma **ibejjed**

___________________________

6. Sib nom fil-plural miksur minn par. 9 _____________

Sib nom fil-plural sħiħ minn par. 9 _____________

7. Min paragrafu 10 sib **nom** li joħroġ mill-verb '**ħażen**'

_____________

8. Ikteb għal xiex qed tirreferi l-'h' fil-kelma 'jħobbuh'

_______________________

*(marka kull waħda = 8 marki)*

**Ċ. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq is-silta kollha** *Il-Barbaġann*

1. X'riedet tfisser in-Nanna Ċensa meta rat wiċċ Karamellu '**daqs il-qars tax-xema**'?

_______________________________________________

_______________________________________________

(2 marki)

2. X'sibt interessanti fl-istorja li għadek kif qrajt?

(2 marki)

TMIEM IL-KARTA